MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2012

Appell Kriminali Numru. 521/2010

**Il-Pulizija**
**Vs**
**Giovanni Grima**

**Illum 27 ta' Lulju, 2012**
Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. F'isem il-Kontrollur tad-Dwana, kellu fil-pussess u/jew iddispona u/jew biegh vettura tal-marka Leyland mudell ta' l-1990 bin-numru tax-chassis 92868D mhux originali u in-numru tal-makna L-01807 minghajr l-awtorita tal-Kontrollur tad-Dwana. L-imsemmija vettura li nstabet ghand John Vella kella n-numru tar-registrazzjoni O-2878(m) li ma japparteniex ghal din il-vettura izda ghall-vettura ohra mpurtata f'Mejju ta' l-1992 tal-marka Leyland mudell ta' l-1982. valur Lm 700, dazju Lm1694 kif jidher fin-nota ta' Qbid numru 78/95, hawnhekk mehmuza, liema dazju ma giex mhallas u/jew kawtelat u dan bi ksur ta' l-

Artikoli 60 (a)(c)(k) u 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) ta' l-Ordinanza tad-Dwana Kapitlu 37 tal-ligijiet ta' Malta.

2. F'Malta, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom; (art. 334 Kap 9).

3. Iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, il-marki jew is-sinjali distintivi tal-prodott ta' industrija, jew xjentement ghamel uzu ta' dawn il-marki jew sinjali iffalsifikati jew imbiddlin; (art. 298(1)(a) Kap 9).

4. Wahal fuq merkanzija deskrizzjoni kummercjalii falza, jigifieri, wahal ffaffalsifikati jew mbiddla, cifra, kelma jew marka illi skond l-uzu tal-kummerc tiswa biex turi il-lok jew pajjiz li fih il-merkanzija giet mahduma jew prodotta jew il-mod li bih il-merkanzija giet mahduma jew prodotta; (art. 298(1)(e)(ii)(iii) Kap 9).

5. Xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal, jew emblema mxebbhin b'qerq; (art. 298(1)(f) Kap 9).

Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Novembru, 2010, l-Qorti, sabet lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi kollha u illiberatu minn kull akkuza.
Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fis-6 ta' Dicembru, 2010 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu sabet lil appellat mhux hati ta' l-ewwel, it-tielet, ir-raba` u l-hames imputazzjonijiet, u thassarha u tirrevokaha in kwantu sabithu mhux hati tat-tieni imputazzjoni, ossia dik ta' ricettazzjoni, u minflok ssib lil appellat hati tat-tieni (2) akkuza, u konsegwentement tinfliggi fil-konfront tieghu il-piena idoneja skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, huma s-segwenti w cioe':-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f' li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghhmel apprezzament komplet u korrett tal-provi fid-dawl tar-rekwiziti legali, u, f'certi kazi, ghamlet addirittura apprezzament manifestament zbaljat. Dan, partikolarment ghal dak li jirrigwarda t-tieni (2) akkuza. Abbazi tal-provi skjaccanti prodotti, u tal-gurisprudenza nostrana fil-materja, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt legittimament u ragjonevolment issib lill-akkuza (illum appellat) mhux hati tar-reat ta' ricettazzjoni!

Illi a skans ta' kull ekwivoku, l-espoenent qieghed jaghmilha cara minn issa illi huwa m'huwiex qieghed jinterponi appell mid-decizjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn iddecidiet li tillibera lill-appellat mill-Ewwel (1), it-Tielet (3), ir-Raba` (4), u l-Hames (5) akkuzi, izda dan l-appell huwa limitat biss ghal dak li jirrigwarda it-Tieni (2) akkuza.

Illi, wkoll a skans ta' xi ekwivoku, u ghall-finijiet ta' korrettezza, l-esponent ma jsib ebda problema li jikkoncedi car u tond illi mill-provi prodotti minn imkien ma jirrizulta illi l-appellat kien b'xi mod involut fis-serq tat-trakk de quo mill-Inghilterra, u/jew li kien hu li ffalsifika n-numri ta' identifikazzjoni (chassis number) ta' l-istess trakk. Huwa accettat mill-esponent li t-trakk insteraq mill-Inghilterra u kellu n-numri falsifikati gewwa l-Inghilterra, qabel ma l-appellant xtara' t-trakk de quo. Pero`, b'kull rispett, daqstant iehor huwa evidenti li l-appellat kien jaf li t-trakk de quo kien misruq meta ddecieda li jixtrih u jnizzlu Malta.

Illi qabel xejn, u ghall-finijiet ta' precizjoni, l-esponent jigbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti ghall-fatt illi b'kuntrarju ghal dak li rrimarkat l-Ewwel Onorabbli Qorti fis-sentenza appellata, mill-atti jirrizulta illi t-trakk de quo, jew almenu partijiet minnu, huma provenjenti mis-serq. Mill-provi johrog car u inekwivoku illi l-magna bin-numru L

01807 (u cioe` l-magna tat-trakk impurtat mill-appellat) kienet immuntata fuq trakk bin-numru tar-registrazzjoni Ingliz H 399 AAE, liema trakk insteraq minn Milton Keynes, gewwa l-Inghilterra, nhar it-12 ta' April, 1992.

Illi dwar it-tieni akkuza, u cioe dik ta' ricettazzjoni, l-Ewwel Onorabbli Qorti rrimarkat, verbatim, hekk:

"Mill-probvi kif esposti irrizulta li ma ngiebet ebda prova li a basi taghha jista` jigi konkluz illi l-vettura in kwistjoni kienet giet misruqa fl-Inghilterra. Dwar dan il-punt hekk krucjali jidher li l-provi huma manifestament insufficjenit sabiex jista` jigi konkluz illi l-istess vettura kienet giet misruqa barra minn Malta. Inoltre, anke jekk ghal grazzjo tal-argument dan il-punt seta` jirrizulta mill-provi, minn dawn ma rrizultax illi l-akkuzat kien jaf jew seta` kien jaf a bazi tac-cirkostanzi tal-kaz illi l-istess vettura originat minn xi reat. Hawnhekk qed issir referenza specifika ghall-element tax-"scienter" mehtieg bhala wiehed mill-elementi tar-reat in ezami".

B'kull rispett il-konsiderazzjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti li "ma jirrizultax li l-akkuzat kien jaf jew seta` kien jaf a basi tac-cirkostanzi tal-kaz illi l-istess vettura originat minn xi reat" hija konsiderazzjoni manifestament zbaljata u kontradtta inekwivokament mic-cirkostanzi! L-esponent m'huwiex ser joqghod jahli l-hin ta' din l-Onorabbli Qorti jiddiskuti l-ligi u l-kazistika nostrana dwar i-reat tar-ricettazzjoni, u l-fatturi li wiehed ghandu jikkunsidra biex jiddetermina jekk abbazi taghhom persuna setghetx tkun taf li qed tinnegozja fi hwejjeg misruqin u/jew provejnenti minn reat. Dwar dan tezisti gurisprudenza kopjuza tal-Qrati taghna, foshtom ta' din l-istess Onorabbli Qorti, liema kazistika l-esponent ser jaghmel referenza ghal ftit mill-fatturi li hargu car mill-provi u li l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset ghal kollox milli tikkunsidra hi u tikkunsidra l-akkuza ta' ricettazzjoni fil-konfront ta' l-appellat:

1. Il-prezz tal-vettura. L-appellat (tramite Angelo Bartolo) xtara` t-trakk in kwistjoni ghall-prezz ta' tliet elef Lira Sterlina (£3000), ghalkemm konvejnentement huw u jixhed quddiem il-Perit Tekniku l-appellat qal li kien nesa

kemm kien xtrah! Ta' min wiehed jinnota li meta din il-vettura giet maqbuda minghand John Vella fl-1 ta' Lulju, 1994, u cioe` sentejn wara li gie mpurtat mill-appellat, dan it-trakk gie stmat mid-Dwana li jiswa` sebat elef u seba mitt lira Maltin (Lm7,700). Issa huwa minnu li nel frattemp saru miljoramenti fuq it-trakk de quo, pero dawn il-miljoramenti, kif hareg mill-provi, saru hawn malta wara li t-trakk impurtat, u li kwindi m'humiex suggetti ghall-hlas ta' Dazju. Kwindi, vettura li l-appellat – li huwa tal-mestjier fix-xiri tal-vetturi – xtara ghal tlitt elef Lira Sterlina (₤3000), dak iz-zmien ekwivalenti ghal anqas min elfejn Lira Maltin (Lm 2000), fis-suq tiswq mizerjament tlitt (3) darbet aktar mill-prezz imhallas mill-appellat! F'dawn ic-crikostanzi, bla ebda ombra ta' dubju l-prezz baxx imhallas mill-appellat huwa ndikattiv – jew almenu kellu jkun ghall-appellat – illi l-vettura kienet misruqa;

2. L-appellat kien tal-mestier fl-importazzjoni tal-vetturi Kif jixhed l-istess appellat: "Jiena xogholi huwa li ngib karozzi u vetturi ohra minn pajjizi esteri u nbieghhom hawn Malta, dejjem vetturi uzati". F' dan il-kuntest id-domandi jqumu wahedhom: bhal persuna li abitwalment jimporta vetturi wzati, huwa verosimili li l-appellat ma ccekkjax ix-chassis number migruf u numru iehor stampat hedejh? Huwa verosimili li bniedem tal-mestier jemmen li vettura hija tal-1982 meta fil-kabina fiha accessorji li ma kienux jezistu f'vetturi similiq qabel l1986? Huwa verosimili li bniedem tal-mestier ma jarahiex stramba li mudell li hareg fl-1986 jkollu d-data ta' l-ewwel registrazzjonierbgha (4) snin qabel l-introduzzjoni ta' dak il-muell?!! Jigi rilevat bir-rispett illi kif inhuwa ben risaput, dawn huma propju l-fatturi bazilari li jaraw u jikkunsidraw id-dealer ta' vetturi qabel ma' jixtru;

3. Jekk ix-xoghol ta' l-appellat kien propju l-importazzjoni ta' vetturi, ghaliex f'dan il-kaz ma mportax it-trakk (misruq) fuq ismu, izda fuq isem terz (Angelo Bartolo)?

4. L-appellat jixhed li biegh dan it-trakk lil Emanuel Zammit ghal tliet elef (Lm3,000) jew tliet elef u hames mitt (Lm3,500) Lira Maltin, izda mid-dokuemnt nru. AB-3

esebit fil-Process Verbal jirrizulta li dan bieghhulu ghal-elf u tmien mitt Lira Maltin (Lm1,800). Ghalfejn gideb u ‘gholla’ l-prezz l-appellat?, ghax Lm1,800 kien ikun ovvju hafna li kien jaf li t-trakk kien misruq?!;

5. Hemm imbghad it-tahwid u l-kontradizzjonijiet grossolanti fix-xhieda ta’ l-appellat. Fl-istqarrija li rrilaxxja lill-Pulizija fit-8 ta’ Jannar, 1994 (vide fol.45 tal-process), l-appellat jghid li kien xtara t-trakk de quo minghand Angelo Bartolo. Quddiem il-Perit Tekniku, imbghad, (vide fol. 21 tar-Relazzjoni tal-Perit Tekniku) l-appellat, fit-13 ta’ Marzu, 1995, idawwar il-verzjoni u jixhed bil-gurament li kien xtara` t-trakk hu, ghal Angelo Bartolo!!! Min naha tieghu Angelo Bartolo jichad u jgiddeb iz-zewg verzjonijiet ta’ l-appellat. Angelo Bartolo jixhed bil-gurament li hu la qatt ried jixtri xi trakk minghand l-appellat, u lanqas qatt biegh xi trakk lill-appellat! Jispecifika lihuwa kien awtorizza lill-appellat biex juza ismu fuq id-dokumenti ufficcjali ta’ l-importazzjoni sempliciemnt biex jaghmel pjacir lill-istess appellat: “dan kollu gara ghax minghalija kont qed naghmel pjacir lil bniedem li nafu u li suppost li kien genwin”. B’ kull riseptt, dawn il-verzjonijiet kontrastanti, konfliggenti, u inverosimili ta’ l-appellat juru bic-car in-nuqqas ta’ kredibilita` tieghu u l-isforzi tieghu biex jipprova jahbi l-provenjenz tat-trakk de quo u l-involviment tieghu f’dan ir-reat.

Illi dawn il-fatturi, fost bosta ohrajn, huma lkoll indikattivi b’mod univoku u konkordanti illi l-appellat Giovanni Grima kien ben konsapevoli tal-fatt li t-trakk de quo effettivament kien misruq. Kif irritjeniet il-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet: Il-Pulizija vs George Schembri (30/04/1992), “min jakkwista oggett f’cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima u intant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, hu hati ta’ ricettazzjoni”. L-appellat, li xogholu kien li jixtri l-vetturi second-hand mill-Inghilterra u jnizzilhom hawn Malta biex ibieghhom, iltaqa ma’ dan it-trakk misruq li kien ghall-bejgh bi prezz tajjeb, bla dubju ta’ xejn, considerando ic-crikostanzi fuq esposti, induna jew almenu jmissu ssuspetta li t-trakk de quo kien misruq, u xorta wahda ndahal biex jixtrieh u jnizzlu Malta biex

ibieghu hawn. Ben konsapevoli tal-fatt li t-trakk kien misruq, l-appellat ma nizzilx it-trakk fuq ismu (kif wiehed kien jippretendi minn persuna li xogholu kien propju l-importazzjoni tal-vetturi), izda nizzlu fuq isem il-habib tieghu Angelo Bartolo, u dan propju biex ma jidhrix hu fuq din l-operazzjoni illegali.

Illi f'diversi sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) (vide: P. Vs. John Briguglio [24/6/1961]; P vs George Tabone [24/6/1961]; u P. Vs Tancred Borg [26/10/1998]) gie ddikjarat illi l-element formali jkun sodisfatt anke jekk l-akkuzat jircievi jew jixtri oggetti filwaqt li jkollu jew inkella jmissu jkollu suspett li l-persuna li tatu dak l-oggett setghet giet f' pussess ta' tali oggett b'mod illecitu, u madanakollu xorta jilqa` jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu, u mhux kif kien qieghed jissuspetta hu. Fl-appell kriminali inferjuri fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Joseph Piscopo" 21.03/53, il-Qorti rritjeniet illi: "Ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirriferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali."

L-istess Qorti f' Appell Kriminali tal-24 ta' Gunju, 1961 preseduta mill-Imhallef Harding kienet ezaminat l-element tax-xjenza fir-reat ta' ricettazzjoni:

"L-element tax-"scienter" huwa mehtieg ghall-integrazzjoni tar-reat tar-ricettazjoni. Dan l-element jista` jirrizulta mic-cirkustanzi tal-kaz partikulari; imma is-semplici suspett li jigi fl-akkuzat dwar il-provenjenz, legittima jew le, tal-oggett li jkun ser jixtri jew jilqa`, minghajr ma jaghmel il-verifika mehtiega dwar dik il-provenjenza, huwa prova bizzejjed tal-element intenzjonali ta' dan ir-reat."

Fil-kawza: Il-Pulizija vs Nazzareno Zarb et., deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-16 ta' Dicembru, 1998, il-Qorti rriteniet illi:

"Fir-ricettazzjoni, ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika, u ma tirriferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali ta-serq,

fis-sens li hija xjenza li tista` tigi dedotta mic-cirkostanzi tal-kaz...”

L-assjem tal-provi juri b’mod car u inekwivoku illi r-reat ta’ ricettazzjoni jissussisti bla dubju ta’ xejn fil-kaz fl-ismijiet fuq premessi. Skond ma taghallimna l-gurisprudenza nostrana fil-materja, jekk il-provi, anke jekk kollha cirkostanzjajri, juru bic-car li l-akkuzat kien konxju tal-provenjenza illegali tal-vettura, jew li kien messu ragjonevolment ikun jaf bl-istess, allura dawk il-provi mehudin ilkoll flimkien, fl-assjem taghhom, iwasslu sa dak il-grad ta’ prova rikjest mill-ligi ghal dik li hija t-tieni (2) akkuza. Kwindi, mill-provi prodotti, l-Ewwel Onorabbli Qorti, bid-dovut rispett, ma setghet qatt legittimament u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha fir-rigward tat-tieni (2) akkuza.

Ikkunsidrat,

Irrizulta mill-provi illi fit-tnejn (2) ta’ Mejju ta’ l-elf, disa’, mija u tnejn u disghin (1992) l-appellat importa Malta trakk tal-marka Leyland bin-numru Ingliz VMX57Y, chassis number 92868D u engine number L01807. Sussegwentement dan it-trakk gie moghti n-numru tar-registrazzoni Malti 02878M.

Fl-1993 l-Ispettur, illum Supritendent, Antione Casha rcieva rapport illi dan it-trakk kien insteraq mill-Ingliterra u bdew l-investigazzjonijiet mill-pulizija. Irrizulta illi ghalkemm in-numri ta’ identifikazzjoni kienu jaqblu ma l-export certificate rrilaxxjat mill-Ingliterra, x-chassis number kien imbaghbas fis-sens illi n-numru originali kien imhassar u n-numru fuq imsemmi stampat minn floku. Minn indagni ulterjuri li ghamlu l-pulizija mal-kumpanija Leyland Motors, irrizulta illi l-magna bin-numru L01807 u cioe’ l-magna tat-trakk impurat mill-appellat ma kienx immuntat fuq dak it-trakk izda fuq trakk differenti bin-numru tar-registrazzjoni Ingliz H399AAE, liema trakk kien misruq mill-Ingliterra fit-tnax (12) ta’ April, 1992. Irrizulta wkoll illi minkejja illi d-dokumenti ufficjali li gew mat-trakk, id-data ta’ l-ewwel registrazzjoni kienet taqra sittax (16) ta’

Awwissu, 1982  it-trakk effettivament kien hafna iktar modern tant li gol-gabina kienu jidrhu atrezzuri moderni li bdew jigu manifatturati mill-kumpanija Leyland wara1986. L-appellat qal illi xtara t-trakk ghal tliet elef (3,000) Lira Sterlina.

B’Sentenza moghtija fis-sittax ta’ Novembru ta’ l-elfejn u ghaxra (2010) l-ewwel Qorti ma sabitx lill-appellat Giovanni Grima hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu u quindi lliberatu.  L-Avukat Generali hassu aggravat minn din is-Sentenza u nterpona appell minnha peress illi skont hu l-ewwel Onorabli Qorti ma setghet qatt legittimament u ragionevolment issib lill-appellat mhux hati tar-reat tar-ricettazzjoni.  Ghalhekk l-Avukat Generali ghamilha cara illi huwa qieghed jappella biss mit-tieni akkuza cioe’ dik tar-ricettazzjoni peress illi skont hu mill-provi rrizulta illi l-appellat seta’ jissuspetta illi paritijiet mit-trakk kienu gejjin minn serq u ma ghamel xejn biex ikompli jivverifika l-provinjenza llecita ta’ dawk l-oggetti.

L-ewwel argument ta’ l-Avukat Generali jikkoncerna l-prezz tal-vettura, l-appellat jghid illi huwa xtara l-vettura bil-prezz ta’ tliet elef (3,000) Sterlina, mentri t-trakk gie stmat mid-Dwana illi jiswa sebat elef u seba’ mitt (7,700) Lira u dana minghajr il-miljoramenti illi saru fuqu hawn Malta.  L-Avukat Generali jargumenta illi f’dawn ic-cirkostanzi minghajr ebda ombra ta’ dubju, l-prezz baxx imhallas mill-appellat huwa ndikattiv jew almenu kellu jkun indikattiv ghall-appellat illi l-vettura kienet misruqa.

Ikkunsidrat.

Ghal dak li jirrigwarja l-prezz, din il-Qorti ma jidrilhiex illi dana wahdu jista’ jkun ndikattiv illi l-vettura gejja mis-serq jew ghandha xi provinjenza llecita.  Jibda biex jinghad illi huwa ben maghruf illi l-prezzijiet ta’ vetturi second hand fl-Ingliterra huma hafna orhos minn dawk hawn Malta. Dana jirrifletti fin-numru kbir, kwazi esegerat, ta’ vetturi illi qeghdin jigu mpurtati second hand mill-Ingliterra mixtrija bi prezz baxx biex sussegwentement jinbieghu ghola hawn Malta.  Ma tistax taghmel paragun bejn is-suq tal-vetturi second hand fl-Ingliterra mas-suq tal-vetturi second hand

f'Malta. Hu ben maghruf li vetturi illi jiswew eluf ta' Liri Sterlini jinbieghu bil-prezz ta' terz taghhom ftit xhur wara li jkunu hargu fuq it-triq u dawn facilment jinxtraw minn negozjanti Maltin sabiex igibuhom Malta, jhallsu r-registrazzjoni fuqha u jinbieghu hawn Malta bi profitt ghan-negozjant. Ghalhekk il-Qorti jidrilha illi l-prezz wahdu ma setax ikun indikattiv tal-provenjenza llecita tat-trakk peress illi jista jkun illi ma jiggenerax is-suspetti tenut kont is-suq tal-vetturi second hand fl-Ingliterra. L-Avukat Generali ma jiqafx hawn u jkompli jargumenta illi l-appellat li kien fil-mistier fl-importazzjoni tal-vetturi messu nduna illi x-chissis number kien migruf u kien hemm iehor stampat fuqu u jistaqsi wkoll huwiex veru simili illi bniedem tal-mistier ma rahiex stramba illi mudell li hareg fl-1986 jkollu d-data ta' l-ewwel registrazzjoni erba' (4) snin qabel l-introduzzjoni ta' dak il-mudell. Hawn hekk l-istorja hija differenti u l-Qorti jidrilha li dan l-argument ghandu l-fundament tieghu.

Ikkunsidrat.

Bhala persuna fil-mistier ta' l-importazzjoni tal-vetturi second hand l-ewwel haga illi l-appellat jaghmel meta jkun qieghed jikkonsidra vettura ghal xiri huwa li jezamina n-numri ta' l-identifikazzjoni ta' l-istess vettura u jekk dawn in-numri jkunu mbghabsin mall-ewwel iqum is-suspett illi seta' jkun hemm xi haga llegali b'dik il-vettura. Vettura ta' provenjenza lecita m'ghandix ghalfejn ikollha n-numri ta' identifikazzjoni mbghabsin. Huma biss dawk il-vetturi b'xi haga llegali dwarhom illi dawn in-numri jigu mibdula. Veru illi xi kulltant il-bdil isir b'tant mod professjonali illi ma tindunax illi jkun gie mibdul, izda dan mhuwiex il-kaz f'din il-vettura. Irrizulta skont l-espert mahtur mill-Qorti illi n-numru kien imbghabas ghad illi ma setax jaqra n-numru originali, pero' kien jidher illi n-numru stampat it-tieni darba kien falz. Meta vettura jkollha n-numru ta' identifikazzjoni mibdul dina hija prova cirkostanzjali illi twasslek ghal konkluzjoni wahda: l-bdil ikun sar biex tinheba xi haga llegali in konnessjoni ma dik il-vettura u xi haga llegali kien hemm ghax irrizulta illi l-magna illi kien hemm fuq il-vettura ma kienetx tappartjeni lilha izda lil vettura ohra illi kienet irraportata misruqa ftit xhur qabel

mal-vettura giet impurtata Malta.  Ghalhekk il-Qorti issib illi dan il-fattur wahdu kellu jkun bizzejjed sabiex jiggenera suspetti f'mohh l-appellat illi kien hemm xi haga hazina b'dik il-vettura.  Ma dana kollu ma ghamel l-ebda verifika dwar il-provenjenza tal-vettura u ghazel li jixtriha, jimpurtaha Malta u jibieghha lil terzi.  Dana huwa bizzejjed biex jiskatta l-element tax-xjenza ghar-reat tar-ricetazzjoni kif sanzjonat bl-Artiklu 334 tal- Kap 9.

Il-Qorti tkompli tissoda f'dan il-hsieb meta tqis ukoll il-kontradizzjoni illi dahal fiha l-appellat fix-xhieda tieghu meta fl-istqarrija illi ta lill-pulizija fit-tmienja (8) ta' Jannar, elf disgha mija u erbgha u disghin (1994) jghid illi kien xtara t-trakk minn ghand Angelo Bartolo u quddiem il-Perit Tekniku fit-tlettax (13) ta' Marzu elf disgha mija u hamsa u disghin (1995) jghid bil-gurament illi kien xtara t-trakk hu ghal Angelo Bartolo li minn naha tieghu, jichad u jgiddeb iz-zewg verzjonijiet ta' l-appellat.  Minn dawn il-provi rrizulta quindi illi t-trakk in kwistjoni kien jew kellu xi partijiet minnu gejjin minn provinjenza llecita. Kien hemm indikazzjonijiet bizzejjed sabiex l-appellat jinduna dwar din il-provenjenza izda l-appellat ma ghamel l-ebda verifika u akkwista dak it-trakk biex jerga jinnegozjah hawn Malta. Din il-Qorti jidrilha illi l-element tax-xjenza gie pjanament sodisfatt u l-gurisprudenza kkwatata mill-Avukat Generali jinkwardaw bis-shih f'dan l-element.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa l-appell, tirriforma s-Sentenza appellata billi tikkonfermha in kwantu sabet lil Giovanni Grima mhux hat ta' l-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet u thassarha u tirrevokaha in kwantu sabitu mhux hati tat-tieni (2) imputazzoni dik ta' ricettazzjoni u minflok wara li rat l-Artikoli 334 u 279(b) tal-Kap 9 issibu hati tat-tieni (2) mputazzjoni u wara li rat il-fedina penali netta tieghu tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ghal zmien sena b'dana illi wara li rat l-Artikoli 28(a) tal- Kap 9 tordna li dan it-terminu ghandu jkun sospiz ghal zmien sentejn mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------